



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 56/26

Il-Lussemburgu, 16 ta' April 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-642/24 | Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Allowance tal-familja mogħtija f'Bayern)

L-indiċjar tal-allowance tal-familja mogħtija f'Bayern skont l-Istat Membru ta' residenza tal-ulied imur kontra d-dritt tal-Unjoni

Fil-Freistaat Bayern (il-Ġermanja), il-ġenituri ta' wlied li jkollhom bejn 13-il xahar u 36 xahar huma intitolati, taħt ċerti kundizzjonijiet ¹ u bħala suppliment għall-allowance tal-edukazzjoni mogħtija f'Bayern, għall-allowance tal-familja mogħtija f'Bayern. Din l-allowance tammonta ², bħala prinċipju, għal EUR 250 fix-xahar għall-ewwel u għat-tieni wild, rispettivament, u għal EUR 300 mit-tielet wild. Din l-allowance ma hijex intiża li tiggarrantixxi mezz ta' għajxien iżda hija maħsuba sabiex tagħti lill-ġenituri l-marġni ta' manuvra meħtieġ sabiex jagħmlu l-għażliet li fil-fehma tagħhom ikunu xierqa fir-rigward tat-trawwim u tal-edukazzjoni ta' wliedhom.

Issa, il-ħaddiema li wliedhom jirrisjedu b'mod permanenti f'ċerti Stati Membri jirċievu ammont inqas minn dak li jirċievu l-ħaddiema li wliedhom jgħixu fil-Ġermanja jew fi Stati Membri oħra. B'hekk, għall-ulied li jgħixu l-Estonja, il-Greċja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija jew Ċipru, l-allowance kienet tammonta għal EUR 187.50 (rispettivament EUR 225) biss. Għall-ulied li jgħixu l-Bulgarija jew ir-Rumanija, din l-allowance kienet tammonta għal EUR 125 (rispettivament EUR 150).

Peress li qieset li dan l-indiċjar kien imur kontra d-dritt tal-Unjoni ³, il-Kummissjoni Ewropea ⁴ ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra l-Ġermanja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Permezz tas-sentenza tal-lum tagħha, **il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' r-rikors tal-Kummissjoni.**

Kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja ⁵, ir-regoli tal-Unjoni dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali ma jippermettux ⁶ li l-għoti jew l-ammont tal-benefiċċji tal-familja b'rata fissa, li l-ammont tagħhom ikun indipendenti minn kull evalwazzjoni individwali tal-bżonnijiet, ikun jiddependi mill-post ta' residenza tal-wild.

Il-ħaddiema migranti għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-politiki soċjali tal-Istat Membru ospitanti fl-istess kundizzjonijiet bħall-ħaddiema nazzjonali. Fil-fatt, huma jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' dawn il-politiki bil-kontribuzzjonijiet fiskali u soċjali li huma jħallsu hemmhekk.

Barra minn hekk, l-indiċjar kontenzjuż jikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq in-nazzjonalità sa fejn essenzjalment jolqot lill-ħaddiema migranti li wliedhom huma iktar probabbli li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor ⁷. Il-ħlas tal-allowance tal-familja mogħtija f'Bayern ma huwiex marbut mal-ambjent ekonomiku u soċjali tal-ulied u għalhekk din id-differenza fit-trattament ma tistax tiġi ġġustifikata mill-għan li tiġi żgurata ugwaljanza fit-trattament tal-benefiċjarji billi jittieħdu inkunsiderazzjoni d-differenzi fl-għoli tal-ħajja bejn l-Istati Membri.

NOTA: Il-Kummissjoni jew Stat Membru jista' jippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, dirett kontra Stat Membru ieħor li jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, l-Istat Membru kkonċernat ikollu jikkonforma ruħu mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli. Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma ruħu mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid li bih titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ li ma jgħux ikkomunikati l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill Kummissjoni, fuq proposta ta' din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi sanzjonijiet sa mill-ewwel sentenza.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#), u [fejn applikabbli](#), is-sunt tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Il-ġenitur ikkonċernat jew il-ġenituri huma meħtieġa, b'mod partikolari, ikollhom l-akkomodazzjoni prinċipali jew ir-residenza abitwali tagħhom f'Bayern.

² Skont il-leġiżlazzjoni ta' Bayern fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti ineżami.

³ Artikoli 7 u 67 tar-[Regolament \(KE\) Nru 883/2004](#)-tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà, u Artikoli 4 u 7(2) tar-[Regolament \(UE\) Nru 492/2011](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni.

⁴ Sostnuta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-Polonja u mir-Repubblika Ċeka.

⁵ Ara, fl-aħħar lok, is-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2022, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (Indiċjar tal-benefiċċji tal-familja), [C-328/20](#) (ara wkoll l-Istqarrija għall-istampa [Nru 102/22](#)).

⁶ Madankollu, dawn ir-regoli jippermettu li jittieħdu inkonsiderazzjoni l-benefiċċji mogħtija minn Stat Membru ieħor.

⁷ F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-ħaddiema migranti ma jinstabux, fir-rigward tat-tgawdija mill-allowance inkwistjoni, f'sitwazzjoni differenti minn dik tal-ħaddiema l-oħra. Fil-fatt, din l-allowance tingħata fil-forma ta' somma stabbilita u ma tiġix ikkalkolata b'mod li tkopri l-ispejjeż reali li jirriżultaw għall-ġenituri minħabba t-trawwim u l-edukazzjoni tal-ulied ta' età żgħira tagħhom. Barra minn hekk, il-ħaddiema migranti huma suġġetti, f'dan ir-rigward, għall-istess sistema ta' kontribuzzjonijiet bħall-ħaddiema l-oħra.